MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Avviz Numru. 162/2009

**Attrans Limited (C 8520)**

**Vs**

**All Sports International Limited (C 34643)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' hamest elef, erba mija u sebgha u tmenin ewro (€5,487) rapprezentanti l-hlas dovut lis-socjeta' attrici ghal servizz debitament rez lis-socjeta' konvenuta fuq ordni u nkarigu specifiku tal-istess socjeta' konvenuta konsistenti f'garr ta' merkanzija ossia 'turf' artificjali mill-Olanda ghall-Malta, bl-imghax u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta, inkluz il-mandat ta' sekwestru nru 1150/09, liema socjeta' hija minn issa r-rapprezentanti taghha ingunti ghas-subizzoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-22 ta' Marzu 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €5487.00 bl-imghax legali mill-erbgha (4) ta' Mejju 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1150/09.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------